# SOĊJETA' FILARMONIKA SANTA MARIJA

ŻEBBUĠ - GĦAWDEX

Ittra No 2/12 L-Erbgħa 1 ta' Frar 2012


# Issa li Għaddiet il-Laqgħa Ġenerali 2012....

Nhar is-Sibt 21 ta' Jannar 2012, is-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija laqqgħet it-tesserati membri tagħha biex kif jobbligana l-istatut, saret il-Laqgħa Ġenerali biex flimkien tajna rendikont ta' dak li seħħ fix-xhur li għaddew u fl-istess ħin bdejna infasslu pjan għall-futur tal-Banda tagħna.

Matul din il-laqgħa ġew ippreżentati numru ta' rapporti fosthom dak amministrattiv, rapport mis-Sezzjoni Nisa u rapport mis-Sezzjoni Żgħażagħ. Ġie ppreżentat ukoll rapport finanzjarju li jkopri is-snin 2010 u 2011. Ħassejna l-obbligu li bħala sostenituri tagħna aħna inżommukom aġġornati dwar id-dettalji li ġew diskussi fil-Laqgħa Ġenerali u x'deċiżjonijiet ittieħdu.

## Konferma tal-President u Twaqqif tal-Kumitat Eżekkuttiv

Parti ewlenija tal-Laqgħa Ġenerali tkun il-ħatra tal-President u l-Kumitat Eżekkuttiv. Din is-sena rċivejna nominazzjoni waħda għall-kariga ta' President tas-Soċjeta' u sebgħa nominazzjonijiet għall-membri tal-Kumitat. In-nominazzjonijiet ġew approvati u kkonfermati unanimament mill-membri kollha preżenti kif imniżżel hawn taħt:

President tas-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija:

- Is-Sur George Ċefai

Membri tal-Kumitat Eżekkuttiv:

| | |
|---|---|
| • Is-Sur Marnol Sultana | Segretarju |
| • Is-Sinjorina Judith Żammit | Teżoriera |
| • Il-Kan. Kant. Dun Karm Ċini | Direttur Spiritwali |
| • Is-Sur Martin Calleja | Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ |
| • Is-Sinjura Salvina Żammit | Rappreżentanta Sezzjoni Nisa |
| • Is-Sur Anthony Calleja | Membru Kumitat Eżekkuttiv |
| • Is-Sur Nicholas Ċini | Membru Kumitat Eżekkuttiv |

Ma' dawn ser jingħaqdu wkoll, fuq sistema ta' rotazzjoni, żewġ membri oħra, waħda mis-Sezzjoni Nisa u wieħed/waħda mis-Sezzjoni Żgħażagħ biex jakkumpanjaw lir-rappreneżentant/a permanenti (li huma kkonfermati mis-sotto kumitati) fil-Kumitat Eżekkuttiv. Insemmu wkoll li s-Sur Michael Ċini ġie unanimament ikkonfermat Delegat Bandist tal-Banda tagħna.

## Rendikont Finanzjarju…Investejna fuq l-fiduċja tagħkom

Element importanti fil-Laqgħa Ġenerali kien ir-rapport finanzjarju li ngħata mit-teżoriera. Ingħataw dettalji sħaħ dwar l-infiq u d-dħul kollu ta' kull xahar fis-snin 2010 u 2011. Għalkemm il-proġett ambizzjuż tal-każin jinvolvi fih spejjeż kbar, bħala kumitat u grazzi kbira għalikom ilkoll komplejna għaddejin mingħajr ma jkollna kontijiet b'lura li jxekklu il-progress tas-Soċjeta'.

Nassigurawkom li l-ispejjeż li għandna mhumiex biss marbuta mal-każin iżda wkoll ma' numru t' attivitajiet oħra fosthom il-progress mużikali tal-banda. Aħna ninvestu madwar €5,000 fis-sena għat-tagħlim tal-aljievi u bandisti, ikollna spejjes ta' manutenzjoni ta' strumenti u xiri ta' uniformijiet għall-bandisti ġodda. Ma ninsewx spejjeż oħra marbuta ma' xiri ta' strumenti ġodda u arranġamenti mużikali.

Peress li r-rendikonti approvati jkopru dokument ta' tletin (30) paġna, dan ma kienx possibli li jitqassam dar dar. Għaldaqstant nistiednu lil dawk kollha li jixtiequ kopja jew jaraw dan ir-rapport finanzjarju, biex ma tiddejqu xejn u

tkellmu lil xi membru tal-Kumitat Eżekkuttiv. Ninfurmawkom li dawn ir-rendikonti ġew iċċertifikati mill-awdituri tas-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija li huma is-Sur Anthony Calleja u s-Sinjura Mary Ann Sammut.

Nagħlaq din il-parti billi nirrigrazzja lil dawk kollha li komplew bid-donazzjonijiet tagħhom fl-aħħar jiem. L-appoġġ tagħkom u kulħadd bil-limitazzjonijiet tiegħu jimliena b'kuraġġ biex inkomplu nkabbru isem l-għaqda tagħna.

## Premju 'Ġieħ il-Banda Santa Marija 2012' u ħatra ta' 'President Onorarju'

Bi pjaċir inħabbrulkom li s-Sur Leli Ċini ġie nnominat għall-premju 'Ġieħ il-Banda Santa Marija 2012'. Is-Sur Ċini huwa l-koordinatur tal-proġett tal-każin u nixtiequ nirringrazzjaw lilu, u lill-familja tiegħu, għal kooperazzjoni li juri magħna kull darba li nsejħulu u għall-imħabba li għandu lejn raħal twelidu.

Persuna oħra li tgħix ukoll f'Malta iżda li taħdem mill-qrib ħafna magħna huwa s-Sur Paul Caruana. Minbarra d-diversi donazzjonijiet u anke' marċijiet li jagħtina minn żmien għal żmien, kien bil-għajnuna tiegħu ukoll li xi snin ilu akkwistajna l-ewwel għajnuna finanzjarja mill-fond imsejjaħ *Good Causes Fund*. Din is-sena ukoll erġajna sibna għajnuna simili mingħand is-Sur Paul Caruana u li jekk Alla jrid inħabbruha fil-ġimgħat li ġejjin. Huwa minħabba f'hekk li waqt il-Laqgħa Ġenerali ġiet proposta n-nominazzjoni tas-Sur Caruana bil-ħatra ta' President Onorarju, liema ħatra ġiet approvata u ser tiġi uffiċċjalment magħrufa fil-Kunċert tas-sajf li ġej. Ġie maqbul ukoll li s-Sur Joe Ċini Curmi, is-Sur Stiefnu Dimech u s-Sur Wiġi Dimech, li huma tlett protagonisti u li taw għajnuna kontinwa fil-proġett tal-każin, jiġu uffiċjalment irringrazzjati s-sena d-dieħla.

## Fond Każin – Nipproteġu dak li Bnejna

Wieħed mis-suġġerimenti li tqajmu waqt il-Laqgħa Ġenerali kien dak li jinfetaħ fond fejn kull sena jitwarbu fih ammont ta' flus li jkunu jistgħu jintużaw aktar 'il quddiem f'kas ta' manutenzjonijiet maġġuri fuq il-każin. Din il-proposta ġiet approvata minn dawk preżenti u għalhekk il-Kumitat Eżekkuttiv ser jibda jaħdem fuq dan il-fond. Min jixtieq jagħti xi donazzjoni diretta għal dan il-fond, huwa jista' jagħmel hekk billi jkellem lil xi membru tal-Kumitat Eżekkuttiv. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jibda wkoll jaħdem għall-*insurance coverage* fuq il-każin.

## Emendi u Aġġornament tal-Istatut

Wara li fis-snin li għaddew fl-istruttura tas-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija ġew inklużi is-Sezzjonijiet tan-Nisa u taż-Żgħażagħ, din is-sena ġew ippreżentati u tressqu għall-approvazzjoni ta' dawk preżenti numru ta' regolamenti u lista ta' gwida li għandhom jimxu fuqhom s-Sezzjonijiet taż-Żgħażagħ u tan-Nisa. Dawn ir-regolamenti ġbarnihom mill-esperjenzi tal-kumitati li kellna fis-snin li għaddew u ser ikunu parti mill-istatut tas-Soċjeta'. Ġie deċiż ukoll li ssir reviżjoni ġdida u aġġornata tal-istatut tagħna biex jiġu integrati fih diversi emendi li tressqu u ġew approvati matul is-snin li għaddew.

## CD ġdid u Attivitajiet Karnival 2012

Ninfurmawkom li din is-sena ser jiġi rrekordjat CD ġdid b'sett ta' marċijiet brijużi ġodda. Ir-*Recording* ta' dan is-CD mill-banda tagħna ser isir għal-ħabta ta' Mejju 2012 u s-CD għandu jkun lest għall-Festa li jmiss. Dwar dan żgur li ser inżommukom aġġornati fix-xhur li ġejjin.

Minn naħa l-oħra, il-preparazzjonijiet għaż-żifna tal-karnival waslu fil-qofol tagħhom u nixtiequ ninfurmawkom li minbarra fil-karnival tar-raħal tagħna u f'dak Nazzjonali tal-Belt Victoria, ser nieħdu sehem ukoll fil-Karnival tan-Nadur, Qala, Xewkija, Sannat u Xagħra. Għaddejjin b'aktar kuntatti ma' diversi Kunsilli Lokali oħra biex nieħdu sehem b'mod sħiħ fil-Karnival Għawdxi.

Nagħlaq din l-ittra billi nirringrazzjaw lil dawk kollha li urew fiduċja fl-amministrazzjoni tas-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija, fejn minn naħa tagħna nwegħdukom li ser nagħmlu kull ma nistgħu biex din l-Għaqda Mużikali tibqa` miexja 'l quddiem. Grazzi mill-ġdid lill-Arċipriet tagħna l-Kan. Reuben Micallef li għaddielna l-awgurju t'appoġġ u minn hawn f'isem is-Soċjeta' tagħna nkomplu nwegħduh is-sapport kollu b'risq il-mixja progressiva tal-Komunita' Żebbuġija.

## Ħsieb mid-Direttur Spiritwali....tagħlima għal ħajjitna!!

Mingħajr il-fidi huwa mpossibli li nogħoġbu lil Alla *San Pawl.*

Tislijiet

Marnol Sultana

Segretarju